MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Numru 859/2003

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Dr. Adrian Vella M.D.**

**Illum 04 ta' Frar, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Dr. Adrian Vella M.D**. ta' 41 sena, bin John u Evelyn, imwieled Attard fil-15 ta' Jannar, 1962 u residenti 'Longleat', Triq it-Turisti, Qawra, detentur tal-karta ta' l-identita' numru tal-karta' tal-identita numru 95962M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Settembru, 2003, u fil-granet ta' qabel, bhala tabib li ghandek il-licenzja, inqast illi fil-preskrizzjoni ta' medicinali lil pazjent li ghandu l-jedd ghal ghoti ta' ghajnuna medika taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali li tuza dik il-formula jew dawk il-formuli li l-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika jista' jippreskrivi b'regolamenti, dan bi ksur ta' l-Artikolu 7(1) (h) u l-artikolu 119 (2) tal-Kap 31 dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali bid-data tat-30 ta' Settembru, 2003, sabiex l-imputat jitrressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet il-provi bil-gurament.

Ikkunsidrat illi mill-provi migjuba ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ma jirrizulta ebda agir da parte ta' l-imputat li jista b'xi mod ikun misjub hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberrah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------